MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2015

Numru. 373/2015

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANNA MARIE XUEREB**

**VS**

**SANDRO MIFSUD**
**(ID Nru. 199673M)**
**ELAINE MUSCAT**
**(ID Nru. 204981M)**

Kumpilazzjoni Nru.: 373/2015

Illum, 07 ta` Mejju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sandro Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 199673M u l-imemmija Elaine Muscat, detentrici tal-Karta tal-identita` bin-numru 204981M.

**Akkuzati talli:**

Nhar il-hamsa (5) ta` Settembru, 2011, ghal habta tas-siegha u nofs ta` filghodu (01:30hrs), f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-Gzira:

1. Ikkommettew serq ghad-detriment ta` Samuel Baldacchino, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta` mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin;

2. U aktar talli saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, 280 (1), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

In ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputati ghall-imputazzjonijiet lilhom addebitati mill-Prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputati hatja kif akkuzati.

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qiedgha ssib lill-imputati, Sandro Mifsud u Elaine Muscat, hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom mill-Prosekuzzjoni u ghaldaqstant qiedgha tpoggiehom taht Ordni ta` *Probation* ai termini tal-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta

ghal perjodu ta` tlett (3) snin mil-llum taht l-istess *Probation Officer* precedenti.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------